# L-EBA taħdem għalik

Aħna **Aġenzija tal-UE** b'total ta' **215**-il membru tal-persunal mill-Ewropa kollha.






Permezz tal-ħdimna tagħna matul il-Covid-19, wassalna **122 prodott regulatorju,** inklużi standards tekniċi, linji gwida, opinjonijiet u rapporti biex nibnu **settur tal-finanzi aktar sikur** għalik.



Aktar >

## Il-missjoni tagħna li dejjem għaddejja



Aħna ngħinu biex noħolqu l-**ġabra unika ta' regoli ta' standards vinkolanti** għall-istituzzjonijiet finanzjarji tal-UE. Dawn il-kondizzjonijiet ekwivalenti jsaħħu s-settur bankarju tal-UE u **jgħinu biex jipproteġu lil min ifaddal, lill-investituri, lill-konsumaturi u lilek.**

Aktar >

## It-tnaqqis tar-riskju

Il-perjodu ta' bejn l-**2021** sal-**2025** hiu l-aħħar fażi tagħna għall-istabbiliment ta' regoli ġodda għad-ditti tal-investiment.

**29 prodott regulatorju,** imfassla skont id-daqs u l-attivitajiet ta' ditta, se **jikkontrollaw ir-riskji** u **jżidu t-trasparenza.**




Aktar >

## Inżommu flusek sikuri

Meta d-ditti jfallu, l-investituri u l-azzjonisti għandhom jassorbu t-telf - **mhux il-kontribwent.**
Fl-2022, se **nirrapportaw dwar l-ekwità minima (MREL)** meħtieġa għal dan. U nsegwu b'**valutazzjoni tal-impatt.**




Aktar >

## Iddefinixxi d-data darba u rrapporta darba

Qed naħdmu biex niksbu **sistema integrata ta' rapportar,** li toħloq ekosistema unika bi proċess ta' **rapportar simplifikat** kemm għall-istituzzjonijiet tar-rapportar kif ukoll għall-awtoritajiet.

**DIZZJUNARJU TAD-DATA**

- Rekwiżiti minimi
- Granularità tad-data
- Iddefinixxi darba

**PUNT ĊENTRALI TAL-ĠBIR TA' DATA**

- Ġbir u kondiviżjoni ta' data
- Irrapporta darba

**GOVERNANZA**

- Kumitat Konġunt
- Koordinazzjoni fost l-awtoritajiet

Aktar >

## Armonizzazzjoni tal-implimentazzjoni tar-regoli dwar ir-riskju tas-suq

L-istituzzjonijiet jirriskjaw telf hekk kif il-prezzijiet tas-suq jiċċaqalqu. Ngħinu biex **narmonizzaw l-implimentazzjoni** tal-qafas il-ġdid tal-UE dwar ir-riskju tas-suq u **nsaħħu s-sisien tekniċi tiegħu.**

**Jan 2022** - Stadju 1
**Esplorazzjoni** - 12-il xahar

**Jan 2023** - Stadju 2
**Tħejjija** - 6 xhur

**Jan 2024** - Stadju 3
**Żvilupp** - 18-il xahar

Aktar >

# Finalizzazzjoni tar-reġim globali għar-rekwiżiti kapitali

Ivvalutajna l-**impatt u l-adegwatezza** tal-qafas **Basel III** għall-implimentazzjoni tiegħu fl-UE.




Aktar >

## Il-benefiċċji jegħlbu l-ispejjeż

L-ispejjeż ta’ rekwiżiti kapitali ogħla se jiġu kkumpensati mill-gwadanji makroekonomiċi ta’ **settur bankarju aktar robust.**
Barra minn hekk, l-ispejjeż se **jonqsu maż-żmien** iżda l-gwadanji **se jkunu kostanti.**



Aktar >

## Monitoraġġ tal-impatt

Aħna niġbru data biex ngħinu lill-UE **ssegwi l-progress u l-impatt ta’ Basel III.**
L-eżerċizzju l-aktar reċenti tagħna involva **99 bank** minn **17-il pajjiż.**



Aktar >

## Ir-rispons tagħna għall-Covid-19

L-EBA **kkontribwixxiet b'mod sinifikanti** biex jittaffa l-impatt soċjoekonomiku tal-Covid-19 billi aġixxiet **malajr, b'mod deċiżiv** u **b'mod koordinat** f'ħafna oqsma.
Dan ippermetta lill-banek jiżguraw **il-kontinwità tan-negozju u servizz adegwat** lill-klijenti tagħhom.




Aktar >

## It-taffija tal-piż



# EUR 179 biljun

Aħna għinna nirrilassaw ir-rekwiżiti ta' rapportar u appellajna lill-banek biex **jissospendu l-pagamenti tad-dividendi.**

Il-ħidma tagħna ta' sokkors se tagħmel disponibbli **EUR 179 biljun** biex jiġi kopert it-telf u **appoġġat is-self ġdid.**

Aktar >

## L-ekonomija reali




Hekk kif żdiedu l-pagamenti bil-kard mingħajr kuntatt, appellajna għal **żieda fil-limitu massimu tagħhom għal EUR 50.**

Sitt ġimgħat wara, **l-Istati Membri kollha tal-UE minbarra wieħed** kienu segwew il-parir tagħna.

Aktar >

## Ċiberkriminalità

B'aktar **telexogħol** u **servizzi bankarji diġitali,** aħna ħriġna linji gwida biex tinżamm il-kontinwità tan-negozju.



Ma kien hemm **l-ebda każ** ta' **tfixkil maġġuri** fl-istituzzjonijiet finanzjarji minn **attakki ċibernetiċi** marbuta mal-COVID-19 irrappurtati lill-awtoritajiet kompetenti.

Aktar >

# Protezzjoni tal-pagamenti tiegħek

L-EBA tejbet is-**sigurtà** ta'**biljuni ta' pagamenti elettroniċi** li jsiru fl-UE kull xahar: tranżazzjonijiet li jridu jiġu awtentikati minnek permezz ta' tnejn mit-**tliet fatturi possibbli:**

Xi ħaġa li **taf** inti biss

Xi ħaġa li **tappartjeni** lilek biss

Xi ħaġa li **tkun** inti biss

Aktar >

## Koordinazzjoni tal-litteriżmu finanzjarju

Il-konsumaturi jeħtieġu għajnuna **biex jifhmu kif jaħdmu l-finanzi.** Għalhekk ippubblikajna repożitorju u rapport dwar **l-edukazzjoni finanzjarja.** Dawn jiddeskrivu l-**approċċi l-aktar komuni** użati mill-awtoritajiet nazzjonali u t-tagħlimiet meħuda għal **approċċi futuri possibbli.**

**Għodda kumplimentari għar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni tal-imġiba finanzjarja**

**Fokus fuq l-edukazzjoni dwar l-innovazzjonijiet finanzjarji**

**Gruppi speċifiċi fil-mira: żgħażagħ u persuni anzjani**

Aktar >

## Iż-żieda fit-teknoloġija

L-istituzzjonijiet finanzjarji jiddependu dejjem aktar mit-**teknoloġija** għan-negozjati tagħhom ta' kuljum mal-klijenti.

**60 %** tal-banek irrapportaw **spinta baġitarja** mill-**innovazzjoni diġitali** u l-użu ta' **teknoloġiji ġodda.**




Aktar >

## Finanzi aktar intelliġenti

F'konformità mar-**regoli ġodda tal-UE** dwar **l-intelliġenza artifiċjali,** aħna se nesploraw modi biex niżguraw li s-settur finanzjarju jużaha b'**mod sikur, sod u etiku.**

Aktar >

## Iċ-ċentru ta' għarfien tiegħek

Aħna waqqafna ċ-**Ċentru ta' Għarfien dwar FinTech tal-EBA** biex nikkondividu **l-aħjar prattiki tal-industrija u nagħtu spinta lill-innovazzjoni.**

Dan jgħaqqad l-ekosistema tal-partijiet ikkonċernati ma' interessi f'**teknoloġija finanzjarja ġdida.**




Aktar >

## Appoġġ teknoloġiku għal regolamentazzjoni aħjar

Qed niffaċilitaw **l-iskalar tal-innovazzjoni** għal użi ta' konformità regolatorja.

Erba' minn ħames ditti finanzjarji jaħsbu li dan se **jtejjeb il-ġestjoni tar-riskju,** filwaqt li l-biċċa l-kbira tar-regolaturi jemmnu li dan se jagħti **spinta lill-effiċjenza.**

**Tingħata spinta lill-effiċjenza**

**Titjieb il-ġestjoni tar-riskju**

Aktar >

# Il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus

Globalment, huwa stmat li l-kriminali jaħslu sa **EUR 1.87 triljun*** kull sena.

Dawk il-flus maħsulin jiffinanzjaw **il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu.**



**EUR 1.87 triljun**

**sors l-Europol*

Aktar >

## Ġestjoni tar-riskju

L-EBA **tmexxi, tikkoordina u timmonitorja** l-ġlieda tal-UE kontra l-kriminalità finanzjarja.

Aħna **niżviluppaw politiki, nistabbilixxu prijoritajiet u nibdew investigazzjonijiet.** L-**20 linja gwida** tagħna jgħinu biex jiġu minimizzati r-riskji assoċjati.




Aktar >

## Ġestjoni responsabbli

Meta nikkunsidraw **l-ispejjeż u l-benefiċċji** tal-**20 linja gwida** tagħna, nistennew li l-impatt nett għall-awtoritajiet kompetenti jkun **qrib iż-żero.**



Aktar >

## Għaliex l-ESG hu importanti

Il-banek iridu jikkunsidraw ir-riskji minn fatturi **Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza** (ESG)

**Ambjent:** Indukrar tal-pjaneta

**Soċjali:** Indukrar tal-persuni

**Governanza:** Tagħmel negozju aħjar

Aktar>

## Nagħmlu l-ESG taħdem għalik

Qegħdin **nintegraw l-ESG** fil-ħidma tagħna bl-għajnuna tiegħek.
Bl-input ta' aktar minn **1 200 persuna** li wieġbu għall-konsultazzjoni tagħna, **żviluppajna standards regolatorji** dwar żvelar tal-ESG għall-prodotti finanzjarji.

**1,200**

Aktar>

## Ewropa aktar ekoloġika tibda mid-dar

Bħala l-ewwel pass fit-**triq tagħna lejn is-sostenibbiltà** u titjib kontinwu, qed nistabbilixxu **Sistema ta' Ġestjoni Ambjentali.**
Flimkien nistgħu **nagħmlu differenza.**




Aktar>